# 1820

# L-inawgurazzjoni tal-Knisja ta' Għajnsielem

*Dun Karm Cassar*



Il-knisja ta' Għajnsielem, għalkemm l-aħħar waħda li nbniet minn fost il-filjali kollha tan-Nadur, malajr saret l-aktar waħda importanti. Il-knisja kienet ilha mixtieqa, u għalhekk inħass malajr kemm se tiswa għall-pastorali ta' dik ix-xaqliba. Diġa' rajna s-sehem kbir li kellu n-Nadur kemm fil-bini ta' dik il-knisja kif ukoll fil-għajnuna spiritwali li kienet qed tingħata. Il-parroċċa tan-Nadur kienet fid-dmir li ma tħallix 'l Għajnsielem ittraskurat għaliex biċċa sewwa minn dawk l-inħawi kienet għadha tagħmel mill-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl. Il-kappillan Sapiano kien ta s-sehem sħiħ tiegħu fil-bidu tal-knisja. Imbgħad, is-suċċessur tiegħu, Dun Antonin Scasciato, xejn ma kien anqas minnu.



Qabel ma niddeskrivu dak li sar fi żmien Scasciato, nagħmlu osservazzjoni ċkejkna. Skond il-kitbiet li jinsabu kemm fin-Nadur kif ukoll f'Għajnsielem, it-titlu li ngħata lill-knisja l-ġdida kien sa minn dejjem il-Madonna ta' Loretu. Imma jidher li, għal xi żmien, quddiem l-awtoritajiet, dik l-ewwel knisja kienet meqjusa bħala ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu. Ma hemm l-ebda dubju dwar jekk hix l-istess knisja għaliex nafu li f'Għajnsielem, il-prokuratur tal-bini u l-akbar benefattur tal-knisja kien Indri Xuereb. Hu propju dan l-istess Indri Xuereb li jissemma bħala l-prokuratur tal-knisja tal- Madonna tal-Karmnu f' Għajnsielem. Fis-sena 1822, din tqieset ukoll li kienet il-knisja waħdanija li kienet mibnija f'dak ir-raħal ċkejken ta' qrib il-baħar.

Għaddew għaxar snin minn mindu tbierket l-art u tqiegħdet l-ewwel ġebla. Dik l-ewwel statwa tal-Madonna ta' Loretu li kienet saret minħabba r-rakkont tad-dehra li Anġlu Grech kien jgħid li kellu, ma kenitx għandha iżjed fil-post fejn tqiegħdet. Fil-post tal-istatwa nbniet il-knisja. Imma l-poplu kellu qalbu marbuta ma' dik l-istatwa. Għalhekk, malli tlestiet il-knisja, l-istatwa ġiet imqiegħda ġewwa niċċa, fil-faċċata, fuq il-bieb tal-knisja. Aktar tard, fi żmienijiet oħrajn, il-post tal-istatwa tbiddel aktar minn darba u bħalissa tinsab ġo niċċa fuq artal tal ġenb fil-knisja l-ġdida.

*Nota ta' riferenza: Ara storja tan-Nadur miktuba minn Fr. A. Bonniċi O.F.M.*